**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Rikors nru: 358/2017 CFF**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali numru 1052/2016**

**AUTOMATED REVENUE MANAGEMENT SERVICES LIMITED**

**VS**

**CARMEN SPITERI COLEIRO**

**Illum 5 ta' Frar, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Carmen Spiteri Coleiro fejn esponiet:

Illi permezz tieghu topponi t-talba mressqa fl-atti tal-ittra nru: 1052/16 mis-socjeta' rikorrenti u titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba bhala wahda nfondata u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok il-pretensjoni tas-socjeta' rikorrenti hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat ma huwiex dovut.

Rat **ir-risposta ta' Automated Revenue Management Services Limited** fejn esponiet:

1. Illi kif jidher fuq, din ir-risposta qed issir biss f'isem Automated Revenue Management Services Limited u mhux ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kif fil-fatt giet intavolata l-ittra ufficjali promotorja bin-numru 1052/2016. (Emfasi ta-sottoskritt).

2. Illi dan qed jinghad peress li r-rikors biex tigi kontestata l-imsemmija ittra ufficjali mahruga ai termini tal-Art. 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Maolta, gie maghmul biss fil-konfront tal-Automated Revenue Management Services Limited u ghalhekk kontestat biss fil-konfront tal-istess Automated Revenue Management Services Limited u mhux kontestata fil-konfront tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, ghalhekk illum dawn tal-ahhar ghandhom titolu ezekuttiv permezz tal-istess ittra ufficjali stante, li z-zmien li fih setghet tigi kontestata l-istess, issa skada.

3. Illi kif jidher mill-anness prospett li qed jigi mmarkat "Dok NS1" saru diversi hlasijiet fuq dan il-kont ghan-nom tar-rikorrenti Carmen Spiteri Coleiro li bihom hija a konnoxxenza, l-ahhar wiehed igib id-data 13 ta' Dicembru, 2017 li zgur jinterrompu kull preskrizzjoni eccepita mill-istess rikorrenti Carmen Spiteri Coleiro.

4. Illi l-kont li jgib in-numru 101000159011 huwa, u minn dejjem kien registrat f'isem ir-rikorrenti Carmen Spiteri Coleiro kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-procedura u ghalhekk hija responsabbli ghall-istess.

5. Ghaldaqstant, b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-socjeta' esponenti titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali numru 1052/2016 pprezentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala titolu ezekuttiv ukoll a favur l-Automated Revenue Management Services Limited kontra r-rikorrenti, bl-ispejjez.

**Ruben Bonnici**, jghid li l-ahhar pagament sar fit-18 ta' Gunju, 2019 ta' EUR27.40.

**Ikkunsidrat:**

Illi ARMS Ltd baghtet ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba li Carmen Spiteri Coleiro kellha taghti s-somma ta' EUR12,875.16 (ara kopja tal-ittra ufficjali a fol 4). Illi minn naha tar-rikorrenti fir-risposta taghha qajmet il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalkemm tqajmet din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri li kien hemm laqghat sabiex isir ftehim bejn il-partijiet izda dan ma fthiemux. Illi minn dan kollu rrizulta wkoll li mix-xhieda li ta' Reuben Bonnici, fis-seduta mizmuma fit-8 t'Ottubru 2019, li huwa rapprezentant tal-istess socjeta ARMS Ltd esebixxa document (dok RB 3). Illi minn dan l-istess dokument, jirrizulta li r-rikorrenti u cioe' Carmen Spiteri Coleiro, ghamlet pagament fit-18 ta' Gunju 2019 ghas-somma ta' seba' u ghoxrin Euro u erbghin centezmu (27.40 EUR) li ma giex ikkontestat f'dawn il-proceduri.

Il-gurisprudenza tghallem illi gharfien tal-jedd mid-debitur irid ikun wiehed car u univoku. Inoltre semplici kollokwji jew konversazzjonijiet bejn il-kreditur u d-debitur ma jammontawx ghal rikonoxximent tad-dejn u ghalhekk ma jistghu qatt jinterrompu l-preskrizzjoni jew inkella jigu interpretati bhala rinunzja da parti tad-debitur ghal preksrizzjoni li jkun idekorra favur tieghu. (ara sentenza PA 15.10.2003 - Perit Arkitett Joseph Barbara vs Segretarju tal-War Damage Commission, u wkoll Appell Superjuri 30.05.2003 - Domenic Department Stores Ltd. vs Malta Dairy Products Ltd.)

Fil-kawza deciza fid-9 ta' Frar, 2005 Appell Civili Numru. 544/2003 Austin Psaila vs Lother Slabick per L-imhallef P. Sciberras gie deciz hekk:

> *Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta', tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita', dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*

Ukoll:

> *...jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma*

*ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (**Kollez. Vol. XXX P I p 989**). Ghaldaqstant dak li hu importanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol. XXXVIIIP*** **III p 723**);

Dan ifisser li sabiex ikun hemm interuzzjoni ta' preskrizzjoni irid li jkun hemm ir-rikornoxximent tad-debitu da' parti tal-persuna li ghandha thallas. Dan irid ikun car u esplicitu u f'dan il-kaz l-ahhar hlas li sehh f'Gunju 2019 kien hemm interuzzjoni tal-preskrizzjoni u rikonoxximent tad-dejn dovut. Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha.

**Decide:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-Kawza bil-mod segwenti:

**Tichad ir-rikors** tar-rikorrenti Carmen Spiteri Coleiro, b'dana li qed tikkundanna lill-istess rikorrenti Carmen Spiteri Coleiro sabiex thallas lis-Socjeta' intimata Automated Revenue Management Services Limited is-somma totali ta' tnax-il elf, tmien mija, hamsa u sebghin Ewro u sittax il-centezmu (€12,875.16) bl-imgħaxijiet legali mid-29 t'April 2016 (data tal-Ittra Ufficjali) sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti Carmen Spiteri Coleiro.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**